# RAYMOND PITRÈ
# *- Pittur tas-Sorpriża*

## Kitba ta' Manwel D SCHEMBRI - Poeta

Morna jien u marti u sibnih fl-istudju kbir tiegħu, imdawwar b'xogħlijietu. Raymond Pitrè - raġel twil, mislut, b'għajnejn għarriexa wara nuċċali ħafif. Kliemu poetiku, u nċisiv. Ċert minn dak li jkun qed jgħid u sentenza jaqtagħha ħesrem, biex iħallilek spazju ħiemed biex tixtarr xi jkun jgħid. Tkellimna fuq l-arti. Qalli li sab ħafna tfixkil biex jibda jesprimi lilu nnifsu, biex joħroġ dak li jħoss fil-ġewwieni ta' ruħu. Tkellem dwar il-bżonn li tkun kritiku miegħek innifsek, u qal kemm ibagħti minħabba f'hekk, għax hu ma jaħfirhiex lilu nnifsu.

F'nofs l-istudju kien hemm żewġ ritratti (*portraits*) qed jinħmew għall-Każin tagħna. Ried jagħmilha ċara li kien għadhom mhumiex lesti - wieħed tas-sur Carmelo Schembri u l-ieħor tal-President li kien magħruf bħala "L-aħmar" għax xagħru u mustaċċih kienu ħomor. Qalli li għalkemm ix-xebh fiżiku huwa mportanti, hu jħares iktar lejn ir-ruħ ta' dak li jkun, għax il-karattru huwa kollox. Anke l-isfond jgħodd, għax dan jindika x'tip ta' persuna tkun.



***Żewġ pitturi ta' eks Presidenti tas-Soċjetà - xogħol il-pittur Raymond Pitrè - Dr. Pasquale Debono magħruf bħala 'L-Aħmar' (xellug) u ta' Carmelo Schembri.***

Kellimtu dwar l-arti reliġjuża. Semmejna l-koppla ta' l-Imsida u qalli kemm iħossu li ma nftiehemx. Staqsejtu l-kulur li jużа u qalli li mhux importanti ħafna liema, basta joħloq is-sorpriża. Jekk il-kulur, l-għamla jew il-figura ma tissorprendikx, allura tkun iktar biċċa xogħol fina ta' artiġġjanat milli biċċa arti. Qalli kemm tinteressah il-letteratura u l-poeżija. Jikteb poeżiji bl-Ingliż u wrieni silta li kienet ikkwotata fi ktieb dwaru. Ommu nfluwenzatu ħafna. Pinġieha tliet darbiet, fi tliet fażijiet f'ħajjitha. Meta mietet bkieha fit-tul. Iħoss li l-arti tagħti lill-artist dimensjoni divina u għalhekk mhux dejjem tiftiehem. Is-soċjetà tħassel l-arti kif tifhimha hi; u l-artist, li huwa artist propju għax jikser ir-regoli, ħafna drabi fis-soċjeta' joħroġ għonqu u jitlef ġildu.

Il-knejjes tagħna mimlijin pitturi li jgħinuk titlob, taħseb u temmen. L-arti televak, iġġiegħlek taħseb 'il bogħod u fit-tul. Meta jpinġi jkun waħdu, hu u ħsibijietu biss. Staqsejtu fadallux x'ipinġi, u qalli li żgur għadu mhux lest, għax lanqas id-dinja mhi lesta! Meta jpinġi qaddis jifli ħajtu biex jiskopri ruħu. Pinġa 'l San Franġisk, u San Pawl u Padre Piju. Pinġa l-Dun Ġorġ anke għall-Każin tagħna. Kien pinġieh darbtejn qabel imma qatt hekk, bil-paramenti tal-quddiesa. Għall-Papa Ġwanni Pawlu II qalli li ftit ta kasu f'ħajtu imma llum jirrealizza li dan Papa Qaddis.

Uriena kif ipinġi serje biex donnu l-ispirazzjoni jeżawrixxiha. Donnu l-ħsieb inixxi sa ma jispiċċa u jinxef. L-artist, bħat-tfal żgħar, jifraħ malajr u jarmi kollox f'minuta. Għax l-umanità fl-artist hija dejjem preżenti, issir biċċa minnu. Qed ngħixu misteru l-ħin kollu. Hu ma tgħallem imkien, *self made,* qalli, "la naf hux b'entużjażmu jew le". Imma stqarr kif ma jistax jieqaf ipinġi u joħloq, għax bla invenzjoni m'hemmx arti. L-arti hi forma ta' talba li tagħraf il-preżenza tal-Ħallieq. Hija wkoll sagrifiċċju għax titlob motivazzjoni kontinwa. L-arti hi spettaklu u huwa wkoll minħabba f'hekk li titlob li tissorprendi l-ħin kollu. Kull biċċa arti li ħoloq, Raymond Pitrè jħoss li hija parti minnu. Għalhekk iħobb kulma ħoloq bl-istess intensità.



***Il-firma bid-data tal-pittur Raymond Pitrè.***

Fl-aħħar tkellimna dwar is-solitudni u kif din marbuta intimament ma' l-arti. Meta jkun joħloq fuq it-tila, anke jekk ikun hemm min qed ħdejh, ikun waħdu, maqful fi ħsibijietu. Għadni nħoss l-għafsa ta' idu meta ġejna biex immorru. Kien qisna ilna nafu lil xulxin seklu, mhux ftit minuti. Kien hemm nofs tbissima melankonika ta' ħbiberija sinċiera tilgħab fuq xofftejh. Leħnu għadu jdoqq f'widnejja, u l-kuluri tax-xogħol spiritwali tiegħu għadni naraħom kuljum. Wegħedna 'l xulxin li nerġgħu niltaqgħu. U l-wegħda se nżommuha.

Kull meta nkun fis-sala ewlenija tal-Każin, u nilmaħ quddiemi dawk il-Presidenti tas-Soċjetà, ifiġġ quddiemi l-pittur twil, b'xagħru tal-fidda, b'nuċċali li ma jostorlux għajnejh, u kull darba jissorprendini b'dak li jgħidli minn ġot-tila. L-inventiva tiegħu ma' tieqafx ma' l-aħħar pinzellata imma tibda mill-ġdid kull darba li x-xogħol sabiħ ta' Raymond Pitrè jaqa' taħt għajnejk.

Din iż-żjara lill-pittur Raymond Pitrè saret f'Ġunju 2005.